Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/625

21.2.2024

**REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/625**

**tal-14 ta’ Frar 2024**

**li jikkonferixxi l-protezzjoni fuq l-isem “Campo de Calatrava” (DOP) skont l-Artikolu 99 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 99(1) tiegħu,

Billi:

(1) F’konformità mal-Artikolu 97(2) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-isem “Campo de Calatrava” li ntbagħtitilha minn Spanja u ppubblikatha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta’ oġġezzjoni skont l-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(3) F’konformità mal-Artikolu 99(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jenħtieġ li l-isem “Campo de Calatrava” jiġi protett u li jiddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 104 ta’ dak ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-isem “Campo de Calatrava” (DOP) huwa b’dan protett.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta’ Frar 2024.

*Għall-Kummissjoni*
*F’isem il-President,*
Janusz WOJCIECHOWSKI
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj
([2]) ĠU C, C/2023/597, 30.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/597/oj